European Commission



EU Network of Independent Experts on Social Inclusion

# Eżami ta' l-Implimentazzjoni tar-Rakomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea fuq l-Inklużżjoni Attiva

## Studju tal-Politika Nazzjonali

**Malta**

Social Europe

This publication has been prepared for the European Commission by

CEPS INSTEAD

© Cover illustration: European Union

Neither the European Commission nor any person acting on behalf of the Commission may be held responsible for use of any information contained in this publication.

The opinions expressed are those of the author(s) only and should not be considered as representative of the European Commission's or Member State's official position.

Further information on the Network of independent experts is available at:
http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1023&langId=en

The original language of this report is English.

© European Union, 2013
Reproduction is authorised provided the source is acknowledged.

# Eżami ta' l-Implimentazzjoni tar-Rakomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea fuq l-Inklużżjoni Attiva

## Studju tal-Politika Nazzjonali

MARIO VASSALLO
L – UNIVERSITÀ TA'MALTA

## MALTA

# Kontenut

Lista ta' Tabelli & Figuri ........ 2

Sommarju Eżekuttiv ........ 3

1. Introduzzjoni ........ 5

2. Strateġiji integrattivi u komprensivi ........ 5

2.1 Sfond ........ 5

2.2 Disinn ta' politika komprensiva ........ 5

2.3 Implimentazzjoni Integrata ........ 8

2.4 Ko-ordinazzjoni vertikali tal-'policy' ........ 8

2.5 Paretećipazzjjoni attiva ta' min għandu verament bżonn ........ 8

3. L-impatt u l-benefiċċji tal-miżuri li ġew introdotti jew ippjanati bħala parti mit-tlett linji ........ 9

3.1 Introduzzjoni ........ 9

3.2 Sapport għal-dħul adegwat ........ 10

3.3 Swieq ta' xogħol inkluzivi ........ 16

3.4 Aċċess għal servizzi ta' kwalità ........ 17

4. Risorsi Finanzjarji ........ 19

4.1 Risorsi nazzjonali ........ 19

4.2 L-Użu ta' Fondi Strutturali tal-UE ........ 22

4.3 Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ........ 24

5. Il-futur: rakkomandazzjonijiet ........ 25

5.1 Rakkomandazzjonijiet ġenerali ........ 25

5.2 Rakkomandazzjonijiet speċifiċi ........ 25

5.3 Inizzjattivi fuq il-livel tal-UE ........ 26

# Lista ta' Tabelli & Figuri

## TABELLI

Tabella 1: Miżuri (Soċjali) tal- NSR 2008-2010 – Pożizzjoni f'Diċembru 2011

Tabella 2: Estimi ta' Spejjeż Minimi għal Tlett Tipi ta' Familja

Tabella 3: Periklu ta' Faqar bl-Għatba tal-faqar, Età u Sess (*Età ta' 60 sena u fuqhom)*

Tabella 4: Periklu ta' Faqar bl-Għatba tal-faqar, Età u Sess (*Età ta' 65 sena u fuqhom)*

Tabella 5: Infieq fuq benefiċċji: inklużżjoni soċjali 2000 – 2009
*(L-Iskemi kollha; Euro ghal kull persuna a bażi ta' prezzijiet fissi għas-sena 2000)*

Tabella 6: Infieq fuq benefiċċji: inklużżjoni soċjali 2000 – 2009
*(Djar; Euro ghal kull persuna a bażi ta' prezzijiet fissi għas-sena 2000)*

Tabella 7: Infieq fuq benefiċċji: inklużżjoni soċjali 2000 – 2009
*(Xjuħija; Euro ghal kull persuna a bażi ta' prezzijiet fissi għas-sena 2000)*

Tabella 8: Fondi allokati lil Malta mill-UE 2007-2013

## FIGURI

Figura 1: Infieq fuq Protezzjoni Soċjali (*% tal-Prodott Domestiku Gross)*

Figura 2: Inklużżjoni Soċjali kif integrata f' l-Erba' Objettivi Strateġiċi tal-NSRF ta' Malta

## TABELLI SOMMARJI F'APPENDIĊI A

Table 1: Sakemm ġiet żviluppata strateġija għall-inklużżjoni integrata u attiva fl-Istat Membru tiegħek?

Table 2: Kemm il-policies/miżuri favur l-inklużżjoni attiva ġew imsaħħa, baqgħu l-istess, jew idgħajjfu sa mill-2008 fl-Istat Membru tiegħek?

# Sommarju Eżekuttiv

L-inklużżjni soċjali kien il-bażi għal ħafna mill-aspetti tal-politika soċjali Maltija sa mis-snin tal-1940 meta ttieħdu l-ewwel passi mill-istat biex jiżguraw li persuni inqas ixxurtjati ma jkollhomx għalfejn jaffaċċaw diffikultajiet staordinarji biex jgħixu sew. Saħansitra qabel ma beda jagħmel hekk l-istat, il-Maltin, permezz tal-knisja u permezz ta' ħafna inizjattivi fuq il-livell lokali, kien fittxew li jintegraw persuni inqas ixxurtjati u biex jipprovdu skemi u servizzi biex inaqqsulhom id-diffikultajiet tagħhom. L-istorja tal-politka soċjali ta' Malta fi żminijiet moderni hija storja ta' żieda wara l-oħra bl-istess għan, għalkemm issa qed tiżviluppa f'sistema mmexxija aktar professjonalment u b'għanijiet ta' kura li tkun tassew sostenibbli.

Id-dħul ta' Malta fl-UE ġab lill-gżira għodda biex permezz tagħhom tkun tista' tiffoka aħjar fuq il-provizżjoni tagħha ta' kura soċjali u biex tkompli tiżviluppa sistemi integrati u komprensivi bl-għan li ċ-ċittadini kollha ikollhom iċ-ċans li jilħqu livell ta' għixjien għoli kif għandhom id-dritt li jilħqu. Il-qofol ta'dawn il-policies integrati huma tnejn: l-edukazzjoni u l-possibilità ta' xogħol. Min jagħmel il-politika f'Malta jinsisti li l-edukazzjoni hi l-muftieħ biex jintuża kemm hu possibli l-unika riżorsa naturali li għandha Malta: in-nies tagħha, u li jekk kull ċittadin Malti ikollu ċ-ċans li jaħdem f'xogħol produttiv u li jagħti sodisfazzjon, kull persuna tkun qed toħroġ lilha nfisha mill-esklużżjoni soċjali u mill-faqar. Ma' dan, is-sistemi ta' kura iridu jħarsu lil dawk il-persuni li ma jistgħux jgħinu lilhom infushom bl-istess mod minħabba diffikultajiet mħux tort tagħhom (per eżempju għax twiedlu b'xi difett fiżiku, intelletwali jew ta' xi xorta oħra), jew għax ġejjin minn ambjenti neqsin minn opportunitajiet (bħal tfal ta' gruppi fil-periferija tas-soċjetà, jew immigranti li jaslu Malta fi tfittxija għal ħajja aħjar).

It-twettiq ta' dawn is-servizzi ta' kura ġew sostnuti ħafna permezz tal-Fondi Strutturali tal-UE, li Malta użat kemm felħet speċjalment biex jitjiebu l-possibilitajiet għall-impjiegi permezz ta' numru ta' skemi li jgħinu kemm lil min iħaddem kif ikoll lil min jaħdem biex jinstab xogħol permanenti. Dan sa permezz ta' proġetti li kattru korsijiet ta' taħriġ vokazzjonali, skemi li ħajjru aktar nisa biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol, u skemi oħra li kattru servizzi għall-anzjani. Minkejja l-kriżi ekonomika nternazzjonali, dawn is-servizzi ta' kura ma tmessewx u komplew jitħaddmu, kultant anki ġew imkabbra saħansitra meta l-prospetti ekonomiċi ma kienux tajbin ħafna. Dan l-impenn kontinwu jawgura tajjeb għall-quddiem, kif jidher ukoll mill-aħħar figuri għal min iħalli l-iskola kmienu u kemm persuni qed ikomplu l-istudji tagħhom fil-livel terzjarju.

Effetivament Malta għamlet passi kbar biex tiżgura sapport għad-dħul, biex is-swieq tax-xogħol ikunu inklużivi u biex ikun hemm aċċess għal servizzi ta' kwalità. Naturalment kollox relattiv, u dak li hu kkunsidrat adegwat għal sitwazzjoni jista' jitqies inadegwat f'oħra. Il-proviżżjoni ta' kura f'Malta, speċjalment għax-xjuħ u għal min irid jgħix fuq il-paga minima nazzjonali, ġew ikkritkati bis-sħiħ fuq inizjattivi ta' riċerka privati bħal dawk li tmexxew mil-Caritas Malta.

Dan hu fil-fatt wieħed mill-aspetti sfortunati tas-sistema tal-kura soċjali f'Malta: is-servizzi jkomplu jiġu pprovduti mingħajr ebda studji ta' riċerka li kull stat modern għandu bżonn. Is-servizzi f'Malta il-ħin kollu jespandu, anki minħabba l-kooperazzjoni bejn l-istat u s-settur privat, però mingħajr riċerka minn qabel ma jfaqqsu, mingħajr ebda 'action-research' waqt li s-servizz ikun qed jitħaddem, u, fil-każ ta' servizzi li jkollhom data speċifika ta' meta ser jibdew u jispiċċaw, mingħajr ebda studju kwalitattiv ta' kemm kienu suċċess. Jekk is-servizzi iridu jkun tassew effettivi u sostenibbli, riċerka kontinwa hija essenzjali u jeħtieġ tibda ssir. Daqshekk ukoll hu mportanti li min qed iħejji l-qafas tad-deċiżżjonijiet kemm fis-settur pubbliku kif ukoll fis-settur privat ikollhom nies ittrenjati biżżejjed biex jipprovdu lil min qed fl-aħħar mill-aħħar jieħu d-deċiżżjonijiet bi proġetti maħsubu u riċerkati tajjeb ħalli kull proġett li jinbeda jkun tassew suċċess u sostenibbli.

# 1. Introduzzjoni

L-objettivi ta' dan ir-rapport huma:

- L-ewwel, biex jassessja kem l-istati Membri żviluppaw strategiji għall-inkużżjoni soċjali integrativi u komprensivi skont il-linji tar-Rakkomandazzjoni tal-2008.
- It-tieni, biex jiddokumenda kemm u liema miżuri ġodda ġew introdotti taħt it-tlett fili mill-2008.
- It-tielet, biex jassessja l-impatt u l-vantaġġ finanzjarju tal-istrateġija b'mod ġenerali u tal-fili individwali biex l-integrazzjoni issaħħah impjiegi ta' kwalità fost dawk kollha li jistgħu jaħdmu, u biex tipprovdi risorsi li fuqhom jistgħu jgħixu bid-dinjità, u jieħdu sehem attiv fil-ħajja soċjali, dawk kollha li ma jistgħux jaħdmu.

Dan l-istudju jkopri t-tlett setturi diskussi fir-risoluzzjoni, jiġifieri:

- Sapport għal dħul adekwat
- Swieq ta' xogħol inkussivi
- Access għal servizzi ta' kwalità

# 2. Strateġiji integrattivi u komprensivi

## 2.1 Sfond

Il-kobor ta' Malta u l-istruttura tagħha bbasata fuq il-parroċċi, tradizzjonalment ikkontribwiet għal sens qawwi ta' kommunità u għal rabtiet qawwija fil-familja. Huwa biss reċentement li l-urbanizzazzjoni u tendenzi ġodda fil-bini, li għamluha aktar komuni fost l-għarajjes ġodda li jmorru joqgħodu f'kommunitajijiet differenti 'il bogħod minn fejn kienu twieldu u trabbew, biex b'hekk hemm qed jinkisru b'ritmu qawwi r-rabtiet mal-kommunita' li qabel kienu b'saħħithom ħafna. Tradizzjonalment, il-Knisja kkontribwiet ħafna għal sistema soċjali li saħħet is-sussidjarjetà u pprovdiet għal numru ta' ħtieġijiet ta' kura u wens, bħal djar għax-xjuħ, il-morda, l-emigranti Maltin (meta l-emigrazzjoni kienet l-uniku mod biex jittaffew id-diffikultajiet ekonomiċi serji li rriżultaw mit-tnaqqas tas-Servizzi Ngliżi) u għal tfal li jitwieldu barra ż-żwieg. Imma, sa mill-aħħar snin tal-erbgħinjiet, u speċjalment kif l-istat Malti beda jiżviluppa wara l-kisba tal-Indipendenza fl-1964, sistema ta' Ħarsien Soċjali mmexxija mill-istat żviluppat malajr, u issa hija parti mis-sistema Maltija li tħares lil dawn li qegħdin fil-periklu tal-faqar.

## 2.2 Disinn ta' politika komprensiva

Bħala riżultat tal-impenn li tħares dawn il-ħtiġijiet ġodda marbutin mal-inklużżjoni soċjali u l-integrazzjoni, il-Pjainiet Nazzjonali ta' Malta, sa mill-2004[1],identifikaw setturi kruċjali

1 *It-tnax-il settur li intagħżlu bħala priorita' fin-'National Action Plan' ta' Malta għall-2004-2006 kienu:*
*Priorita' 1: Jiżdiedu l-posibilitajiet ta' impjieg għal gruppi vulnerabbli (li jinkludu persuni bla sengħa, dawk li kienu qegħda għal żmien twil, dawk li ma jistgħhux jaħdmu il-ġurnata kollha, ġenituri bi tfal b'diżabilita' u persuna b'diżabilita').*
*Priorita' 2: Tiżdied ir-rata kurrenti ta' sehem tan-nisa jaħdmu.*
*Priorita' 3: Tiżdied ir-rata kurrenti, li hi baxxa, ta' persuni li għandhom 'il fuq minn 55 sena li qed jaħdmu.*
*Priorita' 4: Li x-xogħol iħalli qliegħ ġust.*
*Priorita' 5: Li tiżgura li l-ħiliet ta' qari u użu ta' numri jiġu akkwistati mill-membri kollha tas-socjeta', li jitnaqqas in-numru ta' dawk li jfallu l-iskola, u li jiġu promossi l-opportunitajiet għall-ħajja u matul il-ħajja kollha fuq il-livelli kollha u għal kullħadd.*
*Priorita' 6: Li jiġu żgurati l-inklużżjoni u l-opportunitajiet indaqs għall-istudenti li għandhom xi diżabilita' jew diffikulta' biex jitgħallmu fl-iskejjel primarji u sekondarji.*

fejn azzjoni kienet meħtieġa. Wara l-ewwel u t-tieni NAP kien reġistrat progress, imma kien fadal xi jsir, kif hemm maħsub fir-*Rapport Nazzjonali fuq Strateġiji għall-Protezzjoni Soċjali 2008-2010*, li ffoka fuq tlett prioritajiet prinċipali ta' politika:

- Il-promozzjoni tal-inklużżjoni soċjali fost it-tfal u żgħażagħ;
- Is-sapport għall-inklużżjoni attiva; u
- L-promozzjoni ta' ugwaljanza fl-opportunitajiet f'kull settur.

Dawn il-prijoritajiet ta' politika ikopru diversi setturi u gruppi tal-popolazzjoni, sitwazzjonijiet u ħtiġijiet, u kienu intiżi biex jippromovu strateġija ta' inklużżjoni soċjali komprensiva kemm għall-pubbliku in ġenerali, kif ukoll biex jidentifikaw gruppi vulnerabbli, li jinkludu: il-persuni bla xogħol fit-tul, ġenituri singoli, immiganti rregolari, persuni dipendenti fuq id-droga u l-alkoħol, persuni li għandhom diffikultajiet ta' saħħa mentali, vittmi ta' vjolenza domestika, xjuħ, tfal u żgħażagħ li jinsabu f'riskju.[2]

Fl-2008, Malta rrikonoxxiet li politika proattiva ta' inklużżjoni soċjali tmur lil hinn minn politika sempliċi ta' protezzjoniżmu. Il-pollitika riedet tassigura l-proviżjoni tas-servizzi biex tħaffef il-parteċipazzjoni u l-inklużżjoni. Hekk,il-proviżżjoni ta' servizzi ta' kura soċjali u aċċessibilità kellhom ifittxu li jgħinu biex min jużahom ikun jista' jiżviluppa lilu nnifsu, isir iktar awtonomu permezz ta' integrazzjoni fid-dinja tax-xogħol. Il-proviżjoni tas-servizzi soċjali kellhom jaġixxu bħala xibka ta' sikurezza għal dawk il- membri l-aktar vulnerabbli tas-soċjetà. Il-Pjan Nazzjonali ta' Azzjoni għall-Inklużżjoni Soċjali tal-2008-2010 (li jifforma parti tar-Rapport Nazzjonali ta' Malta fuq Strateġiji għal Ħarsien Soċjali u Inklużjoni Soċjali) wkoll identifika u indirizza l-isfidi u l-ostakli ewlenin ta' Malta fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali. Bħala tali, il-Programm ta' Riforma dwar l-Inklużjoni Soċjali ta' Malta tal-2008 ippromova strateġija bbażata fuq tliet pilastri:

- Sapport għal dħul adegwat permezz ta' reviżjoni tas-sisema ta' sigurtà soċjali u l-provediment ta' miżuri li jkabbru s-solidarjetà;

---

*Priorita' 7: Li jiġu mgħejjuna iktar il-familji fil-bżonn u l-familji li qegħdin fil-periklu tal-faqar u l-esklużżjoni soċjali, speċjalment dawk vittmi ta' vjolenza domestika.*
*Priorita' 8: Li jiġi promoss l-għarfien pubbliku tad-drittijiet tat-tfal, u li jiġu maħluqa servizzi li jipproteġu u jagħtu saħħa lit-tfal u liż-żgħażagħ.*
*Priorita' 9: Li jiġu żgurati djar bi prezzijiet li jintlaħqu għal gruppi vulnerabbli permezz ta' firxa iktar wiesgħa ta' servizzi u skemi.*
*Priorita' 10: Li jiġi promoss l-aċċess għal servizzi li għandom bżonn gruppi żvantaġġjati (persuni bi problemi mentali, ommijiet singoli, vittmi ta' vjolenza domestika, persuni li jabbużaw minn sustanzi, rifuġjati u immigranti illegali).*
*Priorita' 11: Li jiġu assigurati pensjonijiet adegwati u sostenibbli..*
*Priorita' 12: Li ssir riġenerazzjoni tan-naħa tal-Port il-Kbir biex jiżdied l-aċċess għad-djar, xogħol u kura tal-kommunita' u faċilitajiet soċjali.*
*Sors:*
*http://sgdatabase.unwomen.org/uploads/Malta%20-%20NAP%20on%20poverty%20and%20social%20exclusion%20(2004-2006).pdf aċċessat fl-20 ta'Ġunju 2012*

2 *Il-Pjan ta' Azzjoni għall-2008-2010 għall-inklużżjoni soċjali jidentifika u jindirizza ċ-callenġis u l-ostakli li għandha Malta biex tiġġieled il-faqar u l-esklużżjoni soċjali. L-għanijiet jinkludu:*
*Jiġi ndirizzat it-tluq kmieni mill-iskola, diffikultajiet fit-tagħlim u l-illiteriżmu, biex jonqos in-numru ta' min jitlaq kmieni mill-iskola u l-fatt li uħud ma jilħqux livelli ta' edukazzjoni kif suppost;*
*ii) tiżdied ir-rata ta' nies jaħdmu, partikolarment billi jiżdied in-numru ta' persuni vulnerabbli fis-suq tax-xoghol, u li x-xogħol iħalli qliegħ tassew;*
*iii) jiżdiedu n-numru tad-djar adegwati bi prezzijiet li jintlaħqu;*
*iv) jiġi miġġielda t-trasmissjoni tal-faqar u l-esklużżjoni soċjali minn ġenerazzjoni għall-oħra;*
*v) jiġu ndirizzati l-aspetti soċjali tal-immigrazzjoni u tiġi promossa l-ugwaljanza u d-diversita';*
*vi) tiġi rriformata s-sistema tal-protezzjoni soċjali biex tiżgura li tkun sostenibbli, li tkun biżżejjed biex wieħed ilaħħaq mal-ħtiġijiet tiegħu u li tkun tkopri lil kull min ikollu bżonnha.*
*Sors: Malta: National Report on Strategies for Social Protection And Social Inclusion 2008-2010*

- Aċċess għal swieq inkusivi ta' xogħol permezz ta' miżuri li għandhom bħala l-għan tagħhom it-tkabbir tar-rati tal-impjiegi u li jiffaċilitaw id-dħul tan-nisa u gruppi vulnerabbli oħrajn fid-dinja tax-xogħol;
- Aċċess għal servizzi soċjali ta' kwalità billi jisssaħħu miżuri li jgħinu l-bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol, inaqqsu l-proċeduri kumplikati u jagħmlu l-kwalità tas-servizzi soċjali ta' kura iktar effettivi.

L-NRP ta' l-2011 kien iktar iffokat u pprovda miżuri speċfiċi biex inissel iktar inklużżjoni soċjali, u fit-tielet Parti tiegħu ppreżenta ko-ordinazzjoni tematika tal-miri. Ġew iittrattati il-Miżuri Prinċipali biex jintlaħqu ħames miri li kien ġew stabiliti. Kif wieħed jista' jara, il-mira tal-inkużżjoni soċjali ġiet integrata mal-miri l-oħrajn fi proposta ta' politika integrata. Il-miri (a), (d) u (e) huma marbutin flimkien:

a) Mira li tintlaħaq rata ta' impjiegi ta' 62.9% sa l-2020;

b) Targit ta' Riċerka u Żvilupp (R&D) ta' 0.67% tal-Prodott Gross Domestiku (GDP) sa l-2020;

c) Titjieb fl-effiċjenza tal-enerġija, enerġija rinnovabbli u tnaqqsi fl-emissjonijiet tal-gass 'greenhouse'

d) Edukazzjoni: il-mira li jitnaqqsu dawk li jitilqu l-iskola għal 29% sa l-2020; u ż-zieda sa 33% għal dawk li jkunu temmew l-edukazzjoni terzjarja jew ekwivalanti fost dawk bejn l-età ta' 30-34 sena sa l-2020[3];

e) L-irfigħ ta' madwar 6,560 mir-riskju tal-faqar u l-esklużżjoni[4].

L-NRP ta' l-2012 jikkonsolida dan, kif wieħed jista' jara fis-sezzjoni fuq *Promozzjoni tal-Inklużżjoni Soċjali permezz tat-Tnaqqis tal-Faqar*. F'din is-sezzjoni, il-faqar fost it-tfal, ir-riforma tal-pensjonijiet, l-'allowances' supplimentari, id-diżabilità, is-sapport għall-familji li fihom jaħdmu persuni bi qliegħ baxx, kif ukoll it-taħriġ ta' l-impjegati, u t-taħriġ għal dawk li jaħdmu bil-paga minima, huma diskussi u miżuri konkreti oħra huma proposti.

Sa mill-2004, il-mixja lejn politika komprensiva ma tistax tkun iktar ċara matul is-sett ta' dokumenti fuq dan is-suġġett.

---

3 *F'dak li għandu x'jaqsam mal-problemi li għandha Malta ma' min jispiċċa li-iskola, huwa magħruf li Malta għandha l-ogħla rata ta' min jitlaq kmieni fl-UE (33.5% fl-2010, mqabbla mal-medja Ewropea ta 12.5%). Imma wieħed jinnota li sar progress sew f'dawn l-aħħar snin (r-rata ESL fl-2000 kienet saħansitra 54.2%). L-għan li din tinżel sa 29% sal-2020 misteni li jintlaħaq ħafna qabel. Malta qed tiħu miżuri definittivi biex tnaqqas in-numru ta' dawk li jispiċċaw kmieni mill-iskola u żżid in-numru ta' dawk li jkomplu jistudjaw fit-tielet livell. Dawn jinkludu miżuri kemm fuq il-livell sekondarju, u f'dak li għandu x'jaqsam mal-edukazzjoni tul il-ħajja. Is-suċċess ta' dawn il-miżuri jidher fit-titjib li ntlaħaq bejn il-2010 u l-2011, meta ra-rata tal-ESL niżlet minn 36.9% fl-2010 għal 33.5 fl-2011, waqt li s-suċċess fl-edukazzjoni terzjarja żdied minn 7.4% l-2000 għal 21.1% fl-2011. Għalkemm il-figuri għas-sena akkademika li tibda f'Ottubru 2012 għadhom mhux lesti, figuri preliminari juru li d-dħul fl-istituzzjonijiet post-sekondarji ser ikun ikbar minn tas-sena l-oħra.*

4 *Minkejja l-periklu li s-sitwazzjoni finanzjarja internazzjonali kien ser ikollu effett ħażin fuq l-ekonomja Maltija, l-impenn f'Malta li jitkompla l-isforz li tingħata attenzjoni partikolari lil dawk il-gruppi li huma kkunsidrati bħala aktar vulnerabbli u għahekk iktar fil-periklu tal-faqar u l-esklużżjoni soċjali, għadu qawwi ħafna, u jiffoka fuq tlett grupp partikolari: tfal, anzjani u persuni li qed jgħixu f'familji bi qliegħ baxx. Il-miżuri inklużi fin-National Reform Programme ta' Malta għall-2011 u l-2012 speċifikament jindirizza l-probemi li għandhom dawn it-tlett gruppi. Fil-fatt, għalkemm ir-rata ta' Malta ta' persuni-f'riskju-ta'-faqar żdieded f'dawn l-aħħar snin, din tikkompara sew ma' dik tal-Istati Membri l-oħra. Bħalissa f'Malta qed tiġi żviluppata sistema, bbażata fuq il-policies marbuta max-xogħol, li permezz tagħha wieħed ikun jista' isegwi aktar fil-pront jekk l-għanijiet nazzjonali hux qed jintlaħqu. Dan ukoll jirrifletti l-politika konsistentii tal-gvern Malti li jħajjar u jgħin lin-nies li qegħdin fil-bżonn biex joħorġu jaħdmu, u ma jibqgħux maqbuda f'kultura ta' dipendenza, billi jibdew jikkontribwixxu huma stess għal produttivita'.*

## 2.3 Implimentazzjoni Integrata

L-interess f'Malta biex tkun implimentata l-integrazzjoni hu bbażat fuq il-kunċett li l-'edukazzjoni' u l-'impjieg' huma ż-żewġ pernijiet li huma kruċjali għall-istrateġija Maltija biex jiġu evitati u miġġielda il-faqar u l-esklużżjoni soċjali. Dan għax hemm rabta kbira bejn in-nuqqas ta' xogħol u r-riskju tal-faqar.

F'Malta, huwa maħsub li l-inklużżjoni soċjali tista' ssir realtà jekk tkun sostnuta b'miżuri li jkabbru l-prospetti li permezz tagħhom iċ-ċittadini jistgħu jieħdu sehem attiv fl-aspetti kollha tal-ħajja u jkollhom opportunitajiet indaqs. It-titjib ta' prospetti għal ħajja bis-saħħa ta' kwalifiki aħjar u permezz tax-xogħol huma għalhekk ikkunsidrati bħala essenjali biex tiġi miġġielda l-battlja kontra l-esklużżjoni soċjali. Suċċessi f'dawn iż-żewġ setturi kruċjali jagħmlu ħafna aktar faċli, l-ġlieda kontra d-diskriminazjoni fid-diversi forom u biex tigi promossa l-integrazzjoni. Essenzjalment l-argument hu: eduka lin-nies biex jistgħu isibu x-xogħol, u jekk ikun qed jaħdmu ikunu awtomatikament qed jgħinu lilhom infushom biex joħorġu mill-faqar.

## 2.4 Ko-ordinazzjoni vertikali tal-'policy'

Minħabba d-daqs ta' Malta, ma jeżistux problemi ta' integrazzjoni vertikali. L-amministrazzjoni lokali fil-livell tal-kommunità titmexxa permezz tal-Kunsilli Lokali li min-naħa tagħhom jipprovdu servizz ta' informazzjoni permanenti u ta' attivitajiet oħra bħal, tmexxija ta' Ċentri ta' Matul il-Jum għall-anzjani, kif ukoll korsijiet ta' taħriġ. Imma dawn kollha huma organizzati fi sfond ta' programmi nazzjonali, kemm fil-mod kif jiġu ppjanati kif ukoll kif jiġu ffinanzjati.

## 2.5 Paretećipazzjjoni attiva ta' min għandu verament bżonn

Biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni sħiħa irrispettivament min x'wieħed jemmen, x'diżabilità għandu, l-età, s-sess jew l-orjentazzjoni sesswali, il-Maltin jemmnu li biex is-servizz ikun effettiv u jilħaq tassew lil min għandu bżonnu, huwa meħtieġ is-sehem ta' kull min għandu x'jaqsam fis-soċjetà, li jinkludu l-entitajiet pubbliċi, privati u l-għaqdiet volontarji. Fil-fatt, Malta tinsisti li biex tiġi evitata l-povertà u l-esklużżoni soċjali permezz hu meħtieġ is-sehem tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi, u bħala riżultat twaqqfu miżuri biex isaħħu r-rwol tas-settur volontarju. Minbarra dan, huwa aċċettat li apparti mill-miżuri eżistenti, is-suċċess tal-miżuri favur l-inklużżjoni soċjali jiddependu bis-sħiħ fuq id-dispożizzjoni u l-abilità ta' kull min għandu x'jaqsam li jikkoordinaw l-inizjattivi tagħhom biex jintlaħaq għan wieħed.

Il-ġlieda konta r-riskju tal-faqar u l-esklużżjoni soċjali hija sfida kumplessa li taffettwa diversi setturi ta' kura soċjali. Il-Pjanijiet Maltin ta' Azzjoni Nazjonali ripetutatment jagħrfu dawn l-isfidi permezz ta' miżuri ta' inklużżjoni soċjali biex jissaħħu l-mekkaniżmi leġislattivi u amministrattivi. Numru ta' inizjattivi jipprovdu għal programmi ta' ko-operazzjoni bejn l-istat u s-settur volontarju biex jingħaqdu fi programmi li għandhom l-għan li jżidu l-intensità fl-implimentazzjoni tal-policies favur l-inklużżjoni soċjali.

Il-kommunikazzjoni bejn dawk involuti f'dan is-settur f'Malta hija faċli minħabba d-daqs limitat ta' Malta, fejn kullħadd jaf lil kull min qed jaħdem f'dan is-settur. Għalhekk, il-konsultazzjonijiet huma kontinwi. Hemm imbagħad żewġ istituzzjonijiet li jikkontribwixxu biex il-kommunikazzjoni terġa' ssir aktar faċli bejn is-settur tal-istat u dak tal-volontarjat: il-Kunsill tas-Settur Volontarju fi ħdan il-Kummissarju għall-għaqdiet Voluntarji u l-Kunsill Malta għall-Iżvilupp Soċjali u Ekonomiku (MCSED). Kemm dawn iż-żewġ strutturi fil-prattika jgħinu l-kommunikazzjoni, diffiċli wieħed jistabilixxi bi preċizjoni, imma l-istrutturi jeżistu. F'dak li ghandu x'jaqsam l-MCESD, ta' spiss jinstemgħu kummenti li dan il-kunsill aktar jiffoka fuq aspetti ekonomiċi u ftit li xejn fuq aspetti soċjali, minkejja l-obbligazzjonijiet ċari li joħorġu mill-istess isem tiegħu.

# 3. L-impatt u l-benefiċċji tal-miżuri li ġew introdotti jew ippjanati bħala parti mit-tlett linji

## 3.1 Introduzzjoni

Irid l-ewwelnett wieħed jgħid li f'Malta s'issa mhux magħruf li sar xi studiu li jkejjel il-benefiċċji (cost effective studies) tal-miżuri. L-NRP ta' l-2012 sistematikament iwiegħed eżami tas-suċċess ta' dawn il-miżuri. Imma jidher li dan s'issa għadu ma twettaqx, jew jekk sar għadu mhux pubbliku. Wieħed kien jistenna li dan ikun parti mill-Annex 1 ta' l-NRP ta' l-2012, taħt it-titolu 'Informazzjoni Kwantitattiva', imma din il-parti baqgħet vojta.[5]. Forsi ġara hekk għax hemm l-intenzjoni li dan l-eżami jsir f'nofs is-sena, fil-waqt li l-NRP tal-2012 kien ippublikat ħafna qabel.

**Tabella 1: Miżuri (Soċjali) tal-NSR 2008-2010 – Pożizzjoni f'Diċembru 2011**

*(għall-miżuri li jaqgħu taħt il-Miisteru għall-Ġustizzja, Djalogu u l-Familja)*

| **Pożizzjoni** | **Numru** | **Kummenti/Noti** |
|---|---|---|
| Kompletati | 18 | |
| Għaddejin | 20 | |
| Qed isir xogħol fuqhom | 16 | 9 minnhom qed jiġu mplimentati minn Fondi ESF, jiġifieri għandhom data definita meta jridu jkunu lesti |
| Weqfin/Jistennew direzzjoni | 8 | 2.4.1.1, 2.4.1.2, 2.4.1.3, 2.4.1.4, 2.4.3.5, 2.4.3.9, 2.4.3.12, 2.5.1.1 |
| Irtirita/Abbandunati | 2 | 2.4.2.3, 2.4.3.1 |
| Mhux approvati | 2 | 2.3.1.10, 2.5.1.3 |
| Bla bagit | 1 | ETC |
| Implimentati qabel l-2007 | 2 | |

*Nota: Il-miżuri ta' hawn fuq ikopa 'Żvilupp Personali', 'Well-being' u 'Ħarsen tad-drittijit tat-tfal u persuni żgħażagħ'*

*Sors: Ir-Rapport tal-Implimentazzjoni: Direttorat għall-Affarijiet Soċjalit*

Dak li hu magħruf li ġara, però, huwa sensiela ta' rapporti ta' progress fuq il-miżuri individwali li kienu mplimentati sa' l-aħħar tal-2011. F'dak li għandu x'jaqsam mat-tlett Objettivi tal-Oġġettivi ta' Policies, jiġifieri it-Tisdiq tal-Prospetti għall-Inklużżjoni Soċjali għat-Tfal u ż-Żgħażagħ, il-Promozzjoni tal-Inklużżjoni Soċjali Attiva, u il-Promozzjoni għal Opportunitatjiet Indaqs, tmienja u sittin Miżura ta' Azzjoni Soċjali kienu maħsuba u sebgħa oħra marbutin mas-saħħa. Fejn waslu dawn il-miżuri fl-aħħar tal-2011 jidher mit-Tabella 1 ta' hawn fuq.

*5 Fil-fatt,dan l-Annex ma giex ippubblikat fil-verżjoni stampata tal-NRP.*

## 3.2 Sapport għal-dħul adegwat

Il-miżuri biex jassiguraw sapport ta' dħul adegwat huma ndirizzati lejn żewġ gruppi prinċipali f'Malta, jiġifieri *familji bla xogħol* u *x-xjuħ*. Il-miżuri huma dawn:

a) *Familji bla xogħol:*

i) żieda tal-benefiċċji soċjali bl-ammont tal-COLA għal benefiċċji mhux kontributorji, bħal assistenza supplimentari, il-benefiċċju ta' l-enerġija, u l-karta r-roża;

ii) tisħiħ fl-impenn biex jitnaqqas l-abbuż fil-benefiċċji soċjali;

iii) t-tneħħija tal-limitu ta' ħames snin meta armel/armla jibqgħu intitulati għal pensjoni tar-romol;

iv) l-introduzzjoni ta' miżuri li permezz tagħhom persuna li għandha diżabilità serja u li ser tiżżewweġ ma titlifx il-pensjoni minħabba d-dħul tas-sieħeb/sieħba;

v) l-introduzzjoni ta' emendi għar-regolli ta' min jaħdem part-time biex ineħħu l-anomaliji li kien qed ikollhom impatt negattiv, partikolarment fuq il-pensjonanti u xi mpjegati tal-Gvern;

vi) is-suq tax-xogħol jiġi magħmul aktar attraenti għall-ġenituri billi tiġi ntordotta il-'komputazzji parentali' għall-ġenituri li qed irabbu t-tfal li mhux qed jaħdmu sakemm jagħlqu il-15-il sena u sa' 21 sena għal tfal li għadhom isegwu edukazzjoni terzjarja; u

vii) t-tkomplija tal-miżuri meħuda favor in-nisa li jibbenefikaw minn sena bla taxxa għal kull wild.

b) *Persuni Anzjani*

i) L-għoti tal-għoli tal-ħajja sħiħ lill-pensjonanti;

ii) Inkuraġġiment lill-pensjonanti biex jibqgħu jgħixu fi djarhom permezz ta' għotja ta' €300 fis-sena lil kull persuna li għalqet it-80 sena li baqgħu jgħixu d-dar jew mal-familja;

iii) It-tneħħija tal-VAT fuq spejjez ta' 'nursing' privat u għajnuna fid-djar pprovduta mis-servizz privat fi djar ta' persuni anzjani;

iv) żieda fl-iskala ta' eżenzjonijiet tat-taxxa għall-qraba ta' persuni anzjani li qed jgħinu membri tal-familja jgħixu ġo djar tax-xjuh immexxija mill-privat;

v) żieda tal-provizzjonijiet esistenti għal min għandu pensjoni tas-servizzi; u

vi) rifużjoni ta' taxxi mħallsa lil xjuh li huma eżentati mit-taxxa u li jħallsu 15 fil-mija bħala 'witholding tax' meta jimlew il-formoli tat-taxxa fuq id-dħul.

Dawn il-miżuri kellhom effett kumulattiv u għenu sostanzjalment biex jassiguraw dħul suffiċjenti. Naturalment, wieħed ikollu jgħid li dak li hu 'suffiċjenti' huwa dejjem relattiv, u fil-fatt f'Marzu 2012, studju magħmul mill-Caritas Malta fuq il-paga minima f'Malta isostni li din ma tkoprix il-ħwejjeġ essenzjali[6]. L-sistudju tal-Caritas juri li tlett tipi ta'

6 *L-Istudju tal-Caritas kien ippreżentat formalment lill-Kabinett. Sa meta nkiteb dan ir-rapport mhux magħruf x'ser ikun l-effett tiegħu.*

familji[7], li jgħxu bit-tqanċiċ, jafaċċjaw problemi serji biex jgħixu jekk ikollhom biss dħul tal-paga minima nazzjonali. Ir-rapport tal-Caritas jipprovdi estimi tal-inqas spejjeż meħtieġa għal dawn it-tlett tipi ta' familja. Il-baskett li fuqu saru dawn l-istimi fih dawn it-tmien kategoriji: (1) ikel, (2) ilbies, (3) kura personali, (4) saħħa, (5) manteniment u servizzi ta' ħwejjeġ tad-dar, (6) edukazzjoni u ħin liberu, (7) trasport u (8) alloġġ. Il-konklużżjonijiet dettaljati tal-Caritas qed jiġu riprodotti fit-Tabela 2, hawn taħt.

L-istudju tal-Caritas jikkonkludi li l-ħtieġa minima li għandhom dawn it-tlett tipi ta' familja huwa hekk: €10,634 għal familja b'żewġ adulti u żewġt itfal dipendenti; €8,581 għal ġenitur wieħed/waħda u żewġt itfal; u €6,328 għal koppja anzjana. Dawn il-kalkolazzjonijiet jinkludu estimi ta' benefiċċji 'in kind', kif jidher taħt it-Tabella 2. Barra minn hekk, ir-rapport tal-Caritas ikopri l-benefiċċji taħt l-Iskeda V (Karta Safra) li tkopri mediċini li għandhom dritt għalihom b'xejn pazjenti li jsofru minn mard kroniku. Ikompru ukoll mediċini li jinġabru minn min ikollu l-Karta r-Roża: membri ta' Ordnijiet Reliġjużi, dijabetici, membri tal-pulizija, membri tal-forzi armati, persuni li għandhom it-tuberkolosi, lebbra jew poliomyeitis. Ir-rapport jinsisti li familji li li ma jirċevux assistenza finanzjarja għall-alloġġ, mediċini jew ikel b'xejn għandhom bżonn iktar mill-figuri t'hawn fuq.

Il-figuri tal-istudju tal-Caritas huma nkwetanti. L-għan ta' Malta li ttella' madwar 6,560 persuni mir-riskju tal-faqar u l-esklużżjoni soċjali sal-2020 huwa sostnut fil-NRP, u f'sezzjoni 3.5.2.5 l-attenzjoni hija ffukata fuq il-ħtieġa li jiġu msaħħa s-servizzi lill-familja fejn m'hemmx min jaħdem jew fejn min jaħdem jaqla' ftit (Low work intensity of households). F'din is-sezzzjoni, hemm spjegat kif irid isir il-konsolidament tas-servizzi ta' sapport. Is-sezzjoni 3.5.2.6 imbagħad tiffoka fuq il-programmi ta' taħriġ ghall-impjegati li qegħdin fuq il-paga minima. Hawn tissemma' l-għotja €25 bħala inċentiv għal min jidħol fi skema ta' taħriġ.

Minhabba li skont ir-riżultati tas-SILC tal-2009, il-persentaġġi tal-familji li għandhom dħul taħt il-€10,000 huwa ta' 24.4%,[8] il-proviżżjonijiet tal-NRP tal-2012 jidhru li ma humiex biżżejjed, u jista' jkun li s-sitwazzjoni tkun fil-fatt agħar meta wieħed ikollu data aktar reċenti.

---

7 *It-tlett tipi ta' familji studjati huma:: (i) familja b'żewġ adulti u żewġ itfal dipendenti; (ii) ġenitur wieħed/waħda u żewġ itfal; u (iii) koppja anzjani. F'kull każ kien assumit li il-membri kienu ntitulati għall-benefiċċji (karta r-Roża taħt l-Iskeda II, kienu qed jirċievu ikel b'xejn taħt xi skema tal-UE jew ta' xi skema oħra minn xi Għaqda Volontarja, u kienu qed joqogħdu f'dar tal-gvern b'kera ssusidjat, u kienu qed jirċevu l-vouchers tal-enerġija). Ara r-rapport sħiħ fis-sit: http://www.caritasmalta.org/AMinimumBudgetforaDecentLiving_McKay_Sammut_Farrugia_Piscopo(MinimumSize).pdf*

8 *https://secure2.gov.mt/nso/statdoc/document_file.aspx?id=3085. Paġna 14. Aċċessat on 1 Mejju 2012.*

**Tabella 2: Estimi ta' Spejjeż Minimi għal Tlett Tipi ta' Familja*****

| Oġġett ta' Spiża | | 2 Adulti & 2 Tfal | | Genitur Singolu & 2 Tfal | | Koppja Xjuh 65+ | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Kull Xahar € | Kull Sena € | Kull Xahar € | Kull Sena € | Kull Xahar € | Kull Sena € |
| **Ikel** | Menu ghal 7 ijiem[1] | 464.27 | 5,571.28 | 348.50 | 4,182.78 | 217.89 | 2,614.76 |
| **Ħwejjeġ** | Ilbies* | 37.50 | 450 | 33.33 | 400 | 25 | 300 |
| | Żraben u Xedd ieħor | 28.67 | 344 | 20.54 | 246.50 | 15 | 180 |
| **Kura Persnali** | Kura Personali | 56.75 | 681 | 51.75 | 621 | 46 | 552 |
| **Saħħa** | Prodotto Farmatewċiċi[2] | 17.23 | 206.78 | 12.27 | 147.28 | 30.58 | 367.01 |
| **Oġġett tad-Dar, Manteniment u Servizzi** | Għamara, Purtieri eċċ* | 13.84 | 166 | 13.67 | 164 | 13.67 | 164 |
| | Appliances* | 11.75 | 141 | 11.75 | 141 | 11.75 | 141 |
| | Manteniment u Tiswijiet: Materjal* | 10.92 | 131 | 10.42 | 125 | 10.42 | 125 |
| | Manteniment u Tiswijiet: Servizzi* | 18.83 | 226 | 18.83 | 226 | 18.83 | 226 |
| | Sapun u deterġenti | 7.80 | 93.60 | 6.50 | 78 | 5.20 | 62.40 |
| | Ħwejjeġ li jispiċċaw (Non-durable Goods) | 10.83 | 130 | 10.83 | 130 | 5.42 | 65 |
| | Telefon/TV/Internet | 33 | 396 | 33 | 396 | 33 | 396 |
| | Electriku^ | 36.95 | 443.39 | 34.10 | 409.25 | 32.77 | 393.26 |
| | Gas^ | 14.17 | 170 | 14.17 | 170 | 17 | 204 |
| | Ilma^ | 15.47 | 185.70 | 13.22 | 158.61 | 11 | 132.05 |
| **Edukazzjoni u Ħin Liberu** | Stampar & Stationery | 15.33 | 184 | 15.33 | 184 | 0 | 0 |
| | Uniformijiet | 16.75 | 201 | 16.75 | 201 | 0 | 0 |
| **Trasport** | Transport Pubbliku | 60.67 | 728.04 | 34.67 | 416.04 | 18.40 | 220.80 |
| **Dar** | Kera[3] | 15.42 | 185 | 15.42 | 185 | 15.42 | 185 |
| **Total** | | **886.15** | **10,634** | **715** | **8,581** | **527.35** | **6,328** |

****Noti:* [1] **Skema għall-Għajnuna ta' l-Ikel** – Ġie kkalkulat li familja ta' erba' persuna tiġi mogħtija ikel ta' valur approssimativ ta' €31 fix-xahra (valur fis-suq); familja ta' tlett persuni valur approssimattiv ta' €23 (valur fis-suq); familja ta' tnejn, valur approssimattiv ta' € 15 ta' ikel fix-xahar (valur fis-suq); ix-xahar ta' riferenza huwa Settembru 2011. Dawn l-ammonti ġew ikkunsidrati meta ġie ikkalkulat kemm jiswew il-Menus tal-Ikel..

[2]**Persuni li għandhom il-Karta r-Roża** – L-Appendiċi C juri li familja ta' 2 adulti u 2 t-itfal li ma humiex intitulati ghall-Karta r-Roża iħallsu madwar. € 851 fis-sena (erba' darbiet iżjed kemm tiswa l-kura tas-saħħa). L-anzjani li ma jirċievux mediċina b'xejn għax għandhom il-Karta r-Roża, l-ispejjeż għall-kura tas-saħħa jiżdiedu għal madwar €949, jiġifieri għal tlett darbiet iżjed.

[3]**Sussidju fuq il-Kera:** Dawn il-figuri jgħoddu għal djar tal-gvern li għandhom il-kera ssussidjat prmezz tal-Awtorità tad-Djar. Figuri miġbura mill-Awtorità tad-Djar juru li familji bi tfal qed iħallsu minn ras għal ras kera kummercjali ta' € 2,865 fis-sena jew €238.75 fix-xahar għal appartamenti 'furnished'mikrijin mingħand il-privat. *Prezzijiet skond l-'Average Consumer Expenditure' ta' l-iktar Quartile ta' Dħul Baxx (Lowest

Income Quartile) li qed jaqilgħu inqas minn €10,585 skond il-'Household Budgetary Survey (HBS) ta' l-2008

**^Benefiċċju tal-Enerġija** familja ta' zewġ adulti u zewg t-itfal tirċievi €151.84 fis-sena bħala tnaqqis fil-kont tad-dawl u l-ilma;  familja ta' ġenitur singolu u zewg t-itfal tirċievi €137.64, fil-waqt li koppja ta'anzjani (65+) tircievi €127.16 fis-sena bħala tnaqqis fil-kont tad-dawl u l-ilma. **It-tnqqis f' l-LPG** huwa maħdum bħala €15 għal kull familja fis-sena; jekk persuna waħda biss hija anzjana,l-ammont ikun ta' €25.

*Sors: Malta, Caritas, 2012,* 'A Minimum Budget for a Decent Living – *A research study by Caritas Malta focusing on three low-income household categories'.  Tabella 14.*

http://www.caritasmalta.org/AMinimumBudgetforaDecentLiving_McKay_Sammut_Farrugia_Piscopo(MinimumSize).pdf

L-istudju tal-Caritas jagħmel każ qawwi hafna favur il-ħtiega li l-paga minima nazzjonali tiżdied minn €158.11 għal €180 fil-ġimgħa ta' 40 siegħa (+ 13.8%).[9] Din il-miżura konkreta, jekk tkun implimentata almenu parzjalment, tikkontribwixxi bil-kbir biex titjieb is-sitwazzjoni ta' ħafna, u għalhekk importanti li tiġi kkunsidrata serjament fil-kuntest tal-fatt li l-ekonomija Maltija, almenu s'issa, ma haditx it-tisbita 'l isfel li ħadu ekonomija oħra dan l-aħħar.[10]

Il-faqar fix-xjuħija qed isir aktar reali f'Malta hekk kif is-salarji qed ikomplu jiżdiedu, l-ogħli tal-ħajja ikompli jiżdied, imma l-pensjonijiet jibqgħu l-istess ħlief għal żidiet għall-għoli tal-ħajja li mhux neċessarjament ikopru ż-zieda vera minħabba l-imperfezzjonijiet li jesistu fl-istrument użat (COLA:  *Cost-Of-Living Adjustment*)[11]. Kif jidher fit-Tabelli 3 u 4, fl-2010,  18.7% ta' dawk li kellhom 60 snin, u 18.8% li kellhom 'il fuq minn 65 sena kienu fil-periklu tal-faqar. Dawn ir-rati qed jonqsu imma huma ogħla minn ħafna pajjiċi tal-UE.  L-irġiel qegħdin agħar mill-medja tal-popolazzjoni sħiha tal-persuni li għalqu 60 sena u għal dawk li għalqu l-65 sena, bi 20% u 18.8% rispettivament.  Dawn il-figuri huma serji ħafna.

*9 Paġna 43. http://www.caritasmalta.org/AMinimumBudgetforaDecentLiving_McKay_Sammut_Farrugia_Piscopo(MinimumSize).pdf*

*10 Żieda fil-paga minima qed tkun sistematikament opponuta minn min iħaddem, li jgħidu li, jekk tiġi mplimentata, tnaqqas il-kompettività ta' Malta.  Għalkemm dan ikun minnu, ma hemm l-ebda studju ppublikat li jipprova dan, u r-riżulat għal din l-oppożizzjoni tħalli ħafna li jkollhom ikampaw fuq il-paga minima f'diffikultajiet serji.*

*11 Għal dettalji fuq il-COLA, ara http://www.ssa.gov/oact/COLA/colasummary.html Aċċessat 1 Mejju 2012.*

**Tabella 3: Periklu ta' Faqar bl-Għatba tal-faqar, Età u Sess**

*Età ta' 60 sena u fuqhom*

| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **POPOLAZZJONI KOLLHA** | | | | | | | | |
| Unjoni Ewropea (27 Stat) | : | 17.6 | 17.6 | 17.4 | 17.6 | 16.9 | 15.2 | : |
| Unjoni Ewropea (25 Stat) | : | : | : | : | : | : | : | : |
| Unjoni Ewropea (15 Stat) | : | 18.4 | 18.2 | 17.9 | 17.9 | 17.0 | 15.5 | : |
| L-Istati Membri Ġodda (12 Stat) | 19.4 | 13.9 | 14.9 | 15.4 | 16.5 | 16.5 | 13.9 | : |
| Stati bl-Euro (17 Stat) | : | 17.8 | 17.6 | 18.3 | 16.9 | 16.4 | 14.8 | : |
| Malta | : | 22.9 | 23.9 | 21.0 | 23.8 | 20.3 | 18.7 | : |
| **IRĠIEL** | | | | | | | | |
| Unjoni Ewropea (27 Stat) | : | 15.3 | 15.3 | 14.7 | 15.1 | 14.6 | 13.0 | : |
| Unjoni Ewropea (25 Stat) | : | : | : | : | : | : | : | : |
| Unjoni Ewropea (15 Stat) | : | 16.2 | 16.0 | 15.3 | 15.5 | 15.0 | 13.5 | : |
| L-Istati Membri Ġodda (12 Stat) | 15.7 | 11.0 | 11.9 | 12.0 | 12.8 | 12.5 | 10.4 | : |
| Stati bl-Euro (17 Stat) | : | 15.4 | 15.4 | 15.7 | 14.6 | 14.3 | 12.8 | : |
| Malta | : | 23.0 | 24.0 | 22.9 | 24.4 | 21.2 | 20.0 | : |
| **NISA** | | | | | | | | |
| Unjoni Ewropea (27 Stat) | : | 19.4 | 19.5 | 19.5 | 19.7 | 18.7 | 17.0 | : |
| Unjoni Ewropea (25 Stat) | : | : | : | : | : | : | : | : |
| Unjoni Ewropea (15 Stat) | : | 20.2 | 20.1 | 19.9 | 19.9 | 18.6 | 17.2 | : |
| L-Istati Membri Ġodda (12 Stat) | 21.4 | 15.9 | 16.9 | 17.7 | 19.0 | 19.2 | 16.2 | : |
| Stati bl-Euro (17 Stat) | : | 19.7 | 19.3 | 20.4 | 18.9 | 18.1 | 16.3 | : |
| Malta | : | 22.7 | 23.7 | 19.4 | 23.3 | 19.5 | 17.6 | : |

*Sors: SILC*

L-affarijiet fil-fatt sejrin għall-agħar minħabba li l-anzjani 'zgħar' qed jiġu mġiegħla jirtiraw jekk huma mpjegati mal-gvern jew mas-settur privat u l-possibiità li jibqgħu jaħdmu huma limitati ħafna.[12] Il-ftit fortunati li qed jiġu miżmuma jaħdmu jew li jirnexxilhom isibu xogħol alternattiv però, jistgħu xorta waħda jirċievu l-pensjoni tas-servizzi soċjali (tal-bolla) u s-salarju sħiħ, imma xorta waħda iridu jkomplu jħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta Soċjali (il-bolla) sħiħa avolja l-pensjoni tagħhom ma tistax

*12 Minkejja d-dwmien u l-listi twal ta' stennija fis-servizz tas-Saħħa Pubblika, xi kirurgi ġew imġegħla jirtiraw malli għalqu l-61 sena, b'telf kbir għall-kommunita' u għalihom infushom.*

tiżdied. Biex titnaqqas il-possibiiltà ta' fqar, mill-2012 dawk li għalqu it-80 sena u jibqgħu id-dar jirċievu benefiċċju ieħor ta' €300 fis-sena.

**Tabella 4: Periklu ta' Faqar bl-Għatba tal-faqar, Età u Sess**

*Età ta' 65 sena u fuqhom*

| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **POPOLAZZJONI KOLLHA** | | | | | | | | |
| Unjoni Ewropea (27 Stat) | : | 18.9 | 19.0 | 18.4 | 18.9 | 17.8 | 15.9 | : |
| Unjoni Ewropea (25 Stat) | : | : | : | : | : | : | : | : |
| Unjoni Ewropea (15 Stat) | 19 | 19.8 | 19.7 | 18.9 | 19.1 | 17.8 | 16.1 | : |
| L-Istati Membri Ġodda (12 Stat) | 20.5 | 14.6 | 15.6 | 16.4 | 18.0 | 17.9 | 14.6 | : |
| Stati bl-Euro (17 Stat) | : | 19.2 | 18.8 | 19.3 | 17.8 | 17.1 | 15.2 | : |
| Malta | : | 23.4 | 24.2 | 20.7 | 24.7 | 20.9 | 18.8 | : |
| **IRĠIEL** | | | | | | | | |
| Unjoni Ewropea (27 Stat) | : | 15.9 | 16.1 | 15.3 | 15.9 | 14.9 | 12.9 | : |
| Unjoni Ewropea (25 Stat) | : | : | : | : | : | : | : | : |
| Unjoni Ewropea (15 Stat) | 16 | 16.9 | 17.0 | 16.0 | 16.3 | 15.3 | 13.4 | : |
| L-Istati Membri Ġodda (12 Stat) | 13.2 | 10.7 | 11.7 | 12.0 | 13.4 | 12.8 | 9.9 | : |
| Stati bl-Euro (17 Stat) | : | 16.2 | 16.2 | 16.4 | 15.0 | 14.5 | 12.7 | : |
| Malta | : | 23.2 | 25.3 | 24.5 | 25.6 | 22.0 | 20.4 | : |
| | | | | | | | | |
| **NISA** | | | | | | | | |
| Unjoni Ewropea (27 Stat) | : | 21.1 | 21.1 | 20.7 | 21.2 | 20.1 | 18.1 | : |
| Unjoni Ewropea (25 Stat) | : | : | : | : | : | : | : | : |
| Unjoni Ewropea (15 Stat) | 21 | 22.1 | 21.9 | 21.1 | 21.3 | 19.8 | 18.3 | : |
| L-Istati Membri Ġodda (12 Stat) | 24.1 | 17.0 | 18.1 | 19.2 | 20.8 | 21.1 | 17.5 | : |
| Stati bl-Euro (17 Stat) | : | 21.4 | 20.8 | 21.5 | 20.0 | 19.1 | 17.1 | : |
| Malta | : | 23.5 | 23.3 | 17.7 | 24.1 | 20.0 | 17.5 | : |

*Sors: SILC*

L-NRP ta' Malta jagħti attenzjoni fuq il-ħtieġa li l-pensjonijiet ikunu sostenibbli fil-medda twila, imma hemm numru ta' kwistjonijiet li ma humiex mogħtija attenzjoni. Dawn jinkludu:

a) Il-ħtieġa urġenti li tiġi abolita r-regola tal-irtirar obbligatorju meta persuna tasal ċerta età. Ħafna qed iħossuhom li avolja waslu f'din l-età, għadhom jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikattiv lill-ekonomija. Meta jirrejalizzaw l-effett fit-tnaqqis sostanzjali fid-dħul, ħafna jħossu li s-soċjetà min-naħa waħda qed iżżommhom ħajjin, imma mbagħad iġġiegħlhom inaqqsu sew mil-livell tal-għixien tagħhom minħabba l-pensjoni fqira li jirċievu. Ir-rapport tal-Caritas, li ġie msemmi iktar 'il

quddiem, jipprovdi evidenza ċara ta' kemm dan huwa minnu fost il-popolazzjoni anzjana li ma għandhiex dħul ieħor;

b) Ir-reviżżoni tal-pensjoni ta' dawk li jkomplu jaħdmu wara l-età meta suppost jirtiraw: dawn l-individwi ikomplu jħallsu l-kontribuzzjonijiet sħaħ iżda ma jirċevux pensjoni ekwivalenti għal dik li jirċievu dawk il-persuni li jirtiraw meta huma fil-fatt jirtiraw għaliex l-ammont tal-pensjoni tagħħom huwa stabbilit meta kienu laħqu l-età ta' 61 sena u mhux meta fil-fatt jieqfu jaħdmu. Din hija forma ta' dsikriminazzjoni għaliex il-kontribuzzjonijiet jibqgħu jitħallsu imma huma ma jieħdu l-ebda benefiċċju minnhom.

Iż-żieda fil-popolazzjoni li qed taħdem, permezz tal-policy li tħajjar aktar persuni li jibqgħu jaħdmu flok jirtiraw u li n-nisa jidħlu iktar fid-dinja tax-xogħol, huwa l-mod essenzjali biex is-sistema ta' kura soċjali tista' tiġi żgurata f'Malta fil-futur.

Pero', wieħed irid jgħid li persuni li jgawdu mill-arraġamenti preżenti, bħal benefiċċji tan-nuqqas ta' xogħol, jew drittijiet oħra, ma jsibux diffikultà biex joħduhom. Bħalma ser jiġi diskuss fis-sezzjoni li ġejja, l-inċntiv li wieħed jaħdem jinżamm ħlief f'dawk il-każi fejn l-ammonti ta' flus li persuna tirċievi mill-iskemi ta' kura soċjali iservu ta' disinċentiv li persuna tfitex ix-xogħol, barra mill-ekonomija s-sewda li tippermettilha tkompli tirċievi l-benefiċċji minkejja li tkun qed taħdem. Matul is-snin saru numru ta' suġġermenti biex dan jiġi miġġieled, imma s'issa l-aktar li ġie mplimentat huwa li wieħed jipprova jaqbadhom fil-fatt. L-obbligu li persuni li qed jirċievu benefiċċji ikollhom jaghtu xi tip ta' servizz bi tpattija, permezz tal-Kunsilli Lokali jew permezz ta' xi skema oħra organizzata apposta, żgur jgħinu biex irażżnu dawn l-abbużi.

## 3.3 Swieq ta' xogħol inkluzivi

Bħalma intqal aktar 'il fuq, il-mod kif Malta tħares lejn l-inklużżjoni soċjali huwa permezz li jinħolqu opportunitajiet ta' xogħol għal kullħadd. Matul dawn l-aħħar snin, sar sforz enormi f'din id-direzzjoni minkejja s-sitwazzjoni ekonomika diffiċli bħala effett tar-riċezzjoni nternazzjonali. Ta' spiss wieħed jisma' li hu essenzjali li l-ħaddiema f'Malta għandhom jibqghu attivi anki fi żmien ta' riċessjonji biex meta s-sitwazzjoni tirkupra u d-domanda għas-servizzi u l-prodotti tibda żżid, Malta jkollha l-kapaċità li tipproduċi. Is-settuti prinċipali fejn dan ġie mplimentat huma dawn:

*a) Investiment fl-ekonomija kreattiva:*

- Introduzzjoni ta' skemi innovattivi lil persuni li jaħdmu għal rashom bħal awturi, kompożituri, artisti fl-arti viżiva, films jew bħala atturi u li huma bbażat fil-belt Valletta;
- L-estensjoni tal-iskema 'Create' biex tkopri lill-belt Valletta kollha biex tinkoraġġixxi iktar attività krejattiva fil-belt kapitali;

*b) Żieda fl-investiment uman permezz ta':*

- Ivvutar ta' aktar fondi għal taħriġ lill-ETC permezz tal-programm tagħħa magħruf bħala l-'Employability Programme';
- Kontinwazzjoni u konsolidament tat-'Training Aid Programme' li jissusdija bejn 25 u 80 persentagg tal-ispejjeż għal taħriġ; u
- Billi ġew offruti programmi ta' taħriġ lill-ħaddima li jridu jaħdmu fl-ekonomija l-'Hadra';

*c) Investiment f'intrapriżi zgħar u medji u l-promozzjoni ta' entrepreneurship permezz ta':*

- twessiegħ tal-iskema MicroINVEST għal intrapriżi zgħar;
- kontinwazzjoni tal-iskema Jeromie tal-BOV;
- il-varar tal-Iskema MicroGuarantee Scheme, li tipprovdi garanziji għal self għall-intrapriżi zgħar;
- finanzjament ta' proġetti taħt l-iskema '20millionforindustry';
- twaqqif tal-'Consultative Body' u tal-'College of Regulators' bil-għan li jagħtu pariri lill-Gvern fuq il-formulazzjoni, l-implimentazzjoni u r-regolamentazzjoni tal-politika għall-intrapriżi; u
- il-formolazzjoni ta' proposti leġislattivi għal qafas regolatorju għall-intrarpriżi soċjali;

*d) Promozzjoni ta' swieq inklużżivi u flessibli permezz ta':*

- reviżżjoni tas-sistema ta' sigurta soċjali biex il-persuni b'diżabilità li jirċievu pensjoni għal diżabilità severa jkunu jistgħu jaħdmu u jaqilgħu sa massimu tal-paga minima mingħajr ma jitilfu l-pensjoni; u
- it-twettiq tat-'Temporary Agency Workers Regulations' (Avviż Legali 461 ta' l-2010) ta' Diċembru 2011 li jipprovidi regulamentazzjoni ta' xogħol temporanju;

*f) Isiru incentivi għall-attività permezz ta':*

- estensjoni tal-Iskema ta' Xogħol fil-Kommunità; u
- il-varfar ta'proċess ta' konsltazzjoni ma' l-imsеħba soċjali fuq il-'Active Labour Market Policy' bi preparazzjoni għall-iżvilupp ta' policy fit-tul fuq ix-xogħol.

Kif wieħed jista' jara, passi biex tiġi promossa l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol f'Malta kienu vasti u wisgħin. Il-bdil fin-natura tal-ekonomija internazzjonali nisslu u qed ikomplu jpoġġu piżijiet fuq l-ekonomija Maltija, imma l-fatt li f'Malta in-numru ta' nies jaħdmu bi qliegħ, il-fatt li aktar nisa qed jidħlu fid-dinja tax-xogħol, u l-fatt li qed jiżdiedu l-iskemi ta' taħriġ għaż-żgħazagħ kemm f'Malta kif ukoll barra, huma xhieda biżżejjed li f'dan is-settur l-isforzi ta' Malta huma bla waqfien u bla serħan. Dawn ikopru saħansitra persuni li qed iservu sentenzi fil-faċilitajiet korrettivi, fejn, biex wieħed jagħti eżempju, 173 mir-residenti ġew mogħtija tahriġ fl-2010.

Settur partikulari fejn dan mhux daqshekk evidenti hu fejn jidħlu l-immigranti llegali u x-xogħol. Għalkemm l-immigranti għandhom il-possibilità mill-faċilitajiet ta' taħriġ li hawn f'Malta, il-parteċipazzjoni tagħhom hija fqira. Hawnhekk, azzjoni iktar organizzata hi meħtieġa, forsi marbuta ma' skema ta' inċentivi li jagħmluha attraenti biex persuni minn dan il-grupp mhux omogeniju jakkwistaw snajja ġodda. Hekk, fost l-affarijiet l-oħra, tista' tieqaf it-tendenza li teżisti bħalissa li dawn jaħdmu f'xogħol mal-kostruzzjoni, fejn x'aktarx ikunu esplojtati u t-talenti l-oħra li jista' għandhom qatt ma' jkunu esplojtati.

## 3.4 Aċċess għal servizzi ta' kwalità

Id-diskussjoni t'hawn fuq ġa uriet li l-aċċess għal servizzi ta' kwalità hija ħaġa mportanti ħafna fl-aġenda Maltija. Żewġ servizzi primarji huma fil-fatt mogħtija importanza qawwija f'dan ir-rigward: l-edukazzjoni u s-saħħa. Kif diġa intqal , l-opportunitajiet għal taħriġ mhux biss huma b'xejn, imma saħansitra għajnuna finanzjarja hija mogħtija permezz tal-programm STEPS, lil min jitħarreġ kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta f'dawk is-setturi fejn taħriġ fis-suġġett ma jkunx possibbli f'Malta. Għajnuna finanzjarja hija wkoll mogħtija wkoll lil studenti li jkunu qed jirċievu taħriġ f'istituzzjonijiet privati

f'Malta sakemm il-kredibilità akkademika ta' dawn l-istituzzjonijiet tkun aċċertata. Is-saħħa hija l-pilastru l-ieħor fuqhiex din il-policy sserraħ, fl-għarfien li populazzjoni b'saħħitha hija l-aqwa garanzija biex l-ekonomija tkun b'saħħitha u tkun tista' ssostni stil ta' ħajja ferħana.

Is-setturi prinċipali tal-kura soċjali fejn l-aċċess għal servizzi ta' kwalità ġew imsaħħa matul l-aħħar snin huma:

a) *Miżuri li jsaħħu l-bilanċ bejn xogħol u ħajja u hekk jikkonsolidaw miżuri li jgħinu l-familji permezz ta':*

- l-iżvilupp ta' pjan ta' azzjoni biex jimplimenta t-tielet Pjan ta' Ugwaljanza bejn is-Sessi biex jgħin aktar nisa biex jidħlu, jibqgħu u jimxu 'l quddiem fid-dinja tax-xogħol;
- xogħol preparatorju biex jiġi mplimentat il-proġett 'NISTA', li hu ntenzjonat biex ikabbar l-għarfien tal-ħtieġa li x-xogħol fil-familja għandu jkun maqsum bejn il-membri kollha tagħha, u biex jiġu magħrufa l-benfiċċji tal-miżuri li jgħinu għal rikonċiljazzjoni bejn xogħol u ħajja;
- l-implimentazzjoni ta' numru ta'inizzjattivi immirati biex iżidu x-xogħol fost in-nisa,li jinkludu: il-proġett 'TAJJEB' li hu mħallas mill-programm PROGRESS Programme, il-varar mill-ġdid tal-iskema 'INT (Int Ibda in-Negozju Tieghek); il-programm ta' għajnuna magħruf bħala ESF Employment Aid and Employability; u l-varar mill-ġdid ta' l-inizjattiva 'Women@work Project' flimkien mal-estensjoni tal-iskema tal-ETC Childcare Subsidy Scheme li tissussidja s-servizzi għall-kura tal-anzjani; u
- bidu ta' riċerka mill-Kummissjoni Nazzjonali għall–Promozzjoni tal-Ugwaljanza biex jiġu magħrufa aħjar x'inhuma l-ostakli li jtellfu s-sehem tal-mara fit-taħriġ u l-ipjiegi.

b) *Tnaqqis ta' proċeduri kumplikati biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-servizzi soċjali għaċ-ċittadini kollha permezz ta:*

- xogħol preparatorju biex jiġi ntrodott mekkaniżmu wieħed li permezz tiegħu jkun jista' jsir it-test ta' eligibilità għall-benefiċċji li huma intenzjonati għal min m' għandux mezzi u servizzi oħra tal-gvern;
- xogħol preparatorju biex jiġu ntrodotti sistemi ta' applikazzjoni 'on-line' għall-benefiċċji kollha;
- l-ipprovdar ta' aċċess 'on-line' miftuħ għall-benefiċċjarji kollha għall-informazzjon relevanti dwar is-sigurtà soċjali permezz tal-iżvilupp tas-'SABS Web Query Tool' għall-impjegati tad-DSS;
- l-iffaċiltar tar-reviżżjoni annwali tal-'entitlements' tal-benefiċċji permezz ta' kommunikazzjoniet aktar effettivi bejn l-entitajiet tal-gvern, biex b'hekk titnaqqas il-burokrazija żejda li ttellef l-għoti tas-servizzi; u
- it-twaqqif ta' mekkaniżu biex iħaffu l-proċessi marbutin mar-reġistrar tat-twelidijiet u l-imwiet.

c) *Jiġi żgurata li s-sistema ta' protezzjoni soċjali tkun sostenibbli billi jitnaqqas l-abbuż, billi:*

- jittieħdu miżuri proattivi li jsaħħu il-proċessi fi ħdan id-Diviżjoni tas- Sigurtà Soċjali;
- jibda programm ta' taħriġ għall-istaff tad-Diviżjoni tas-Sigurtà Soċjali;
- jigi stallat sistemi ta' kompjuters li jsaħħu ċ-ċentru ta' informazzjoni tal-Ministeru biex jiġi pprovdut servizz ta' kura tal-klijenti aħjar;
- isir xogħol preparatorju biex issir Proċedura Operattiva Standardizzata li torbot il-proċessi tax-xogħol tas-sezzjonijiet tad-Diviżjoni; u (b) jissaħħaħ id-Direttorat tal-

Investigazzjonjiet ta' Frodi permezz ta' żieda ta' aktar spetturi, ix-xiri ta' aktar karozzi u iżjed sigurta għall-istaff; u (c) isiru diskussjonjiet biex tiġi estiża s-sistema ta' kejl għal min ikun intitulat għall-benefiċċji soċjali minħabba li ma jkunx jista' jaħdem.

d) *Jitkompla jissaħħaħ is-settur volontarju billi jiġu żgurati li l-istrutturi pprovduti mill-Att fuq l-Organiżżazzjonijiet Volontarji ikunu qed jaħdmu. F'dan ir-rigward, hemm xogħol għaddej biex:*

- Tigi kkumpilata d-'database' tal-Organiżżazzjonijiet Volonatarji;
- Tiġi organizzata sistema ta' stivar ta' qtugħ minn gazzetti li għandhom x'jaqsmu mas-settur tal-Volontarjat;
- Il-pubblikazzjoni ta' reġistru tal-Għaqdiet Volontarji li huma rreġistrati mal-Kummissarju għall-Għaqdiet Volontarji;
- It-twaqqif ta' Ċentru ta' Informazzjoni fl-Ufiċċju tal-Għaqdiet Volontarji; u
- Il-bidu ta' riċerka dwar is-sehem taż-żgħażagh fis-settur volonarju.

e) *Titjieb l-effettività tas-servizzi soċjali billi l-prattiċi jiġu kkonsolidati u standardizzati, u jiġi msaħħaħ id-Dipartiment tal-istandards tal-Kura Soċjali, billi:*

- Jiġi ddisinjat kors ta' sentejn postgraduade part-time fuq l-Assessjar fir-Regolamentazzjoni tal-kura Soċjali' ('Assessment in the Regulation of Social Care'); u
- jiġi sottomest proġett għal fondi tal-UE biex jiġu ddokumentati fid-dettal is-servizzi mogħtija kemm mis-settur pubbliku kif ukoll privat, bil-għan li jiġi mwaqqaf 'National Occupational Standards' fuq il-livell vokazzjonali u biex jiġu determinati il-ħtiġijiet ta' taħriġ tal-ħaddiema f'dan is-settur.

F'Novembru ta' l-2011, abbozz ta' Politika fuq it-Tfal ġie varat mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja[13]. Il-kunċetti ewlenin li fuqhom huma mibni dan id-dokument huma: *L-aħjar Interessi*, *'Mainstreaming'; 'Well-being'; Parteċipazzjoni; Inklużżjoni; Aċċessibilità; Protezzjoni; Familji; Akkawntabilità;* and *Sostenibilità.* L-emfasi qawwija fuq 'l-inkulżżjoni', fuq 'Well-being' u fuq il-'Parteċipazzjoni' hija nkikazzajoni ċara li Malta temmen li l-aċċess għal servizzi ta' kwalità irid jibda kmieni fil-ħdanha. L-implimentazzjoni ta' idejat ġodda li hemm f'dan id-dokument iseddqu l-kwalità tal-ħajja tal-ġenerazzjonijiet futuri, irrispettivament mir-razza, kulur jew twemmin.

# 4. Risorsi Finanzjarji

## 4.1 Risorsi nazzjonali

Minkejja l-pressjoni kkawżata mir-riċessjoni nternazzjonali fl-aħħar snin, il-vot għal kura soċjali (social wefare) f'Malta mhux talli ma giex imnaqqas imma talli fil-fatt żdied f'setturi bħal għoti ta' flus ġodda lil min għalaq it-80 sena u għadu jgħix id-dar. Però, kif wieħed jista' jara mill-Figura 1, l-infiq Malti fuq il-protezzjoni soċjali bħalha % tal-Prodott Gross Domestiku (GDP) għadu iktar baxx minn dak ta' numru ta; pajjiżi tal-UE, u hemm ħtieġa ta' ħafna tibdil biex tintlaħaq il-medja tal-UE.

*13 Jinstab fis-sit: http://c256.r56.cf3.rackcdn.com/7423365554563f7c1d728f784650d3812190623728.pdf. Aċċessat fl-24 Ġunju 2012.*



Figura 1: **Infieq fuq Protezzjoni Soċjali**

*% tal-Prodott Domestiku Gross (PDG)*

Analisi settorjali turi li ż-żieda fl-infiq fuq partijiet tal-protezzjoni soċjali ma kienx dejjem l-istess. It-Tabelli 5 sa 7 juru li għalkemm it-tibdil perċentwali fur l-infieq sħiħ bejn l-2000 u l-2009 kien ta' 88.43%, iż-żiediet fuq id-djar u fuq l-anzjani kienu biss ta' 17.50% u 34.91% rispettivament. Ir-raġunijiet għaliex ġara dan, u ta' żbilanċi oħra li jidhru kieku kull settur kellu jiġi eżaminnat bir-reqq, ma ġewx spjegati xjentifikament. Li jolqtok hi li ż-żieda li kellha Malta (ta' 88.43%) bejn l-2000 u l-2009, jekk imqabbla ma stati tal-UE (EU15: 51.24%; EU25: 50.37%). F'dak li għandu x'jaqsam mad-djar, il-persentaġġ Malti bejn l-2000 u l-2009 huwa inqas mill-medja tal-UE15 u l-UE25. Imma f'dak li għandu x'jaqsam mal-anzjani l-infiq ta' Malta (żieda ta' 34.91%) hu ħafna ikbar minn tal-UE15 u tal-UE25 li żdied bi 19.20% u 21.11% rispettivament.

Dawn il-figuri juru b'mod ċar li r-riżorsi naturali f'Malta ġew użati biex jiġu ndirizzat l-ħtiġijiet, u li dan qed ikompli mingħajr ma ġew imnaqqsa saħansitra fi żminijiet ta' diffikultajiet ekonomiċi.

**Tabella 5: Infieq fuq benefiċċji: inklużżjoni soċjali 2000 – 2009**

*(L-Iskemi kollha; Euro għal kull persuna a bażi ta' prezzijiet fissi għas-sena 2000)*

| GEO/SENA | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 | % ta' Bidla 2000-2009 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Unjoni Ewropea (27 Stat) | : | : | : | : | : | 66.58 | 71.77 | 75.83 | 75.76 | 85.40 | |
| Unjoni Ewropea (25 Stat) | 60.01 | 62.65 | 65.69 | 67.77 | 68.27 | 70.27 | 75.68 | 79.55 | 79.65 | 90.23 | 50.37 |
| Unjoni Ewropea (15 Stat) | 68.91 | 71.81 | 75.00 | 77.20 | 77.89 | 79.06 | 86.01 | 91.74 | 92.31 | 104.21 | 51.24 |
| Malta | 24.29 | 22.36 | 21.29 | 23.70 | 26.83 | 30.77 | 35.92 | 41.81 | 44.08 | 45.77 | 88.43 |

Sors: Eurostat

## Tabella 6: Infieq fuq benefiċċji: inklużżjoni soċjali 2000 – 2009

*(Djar; Euro għal kull persuna a bażi ta' prezzijiet fissi għas-sena 2000)*

| GEO/ SENA | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 | % ta' Bidla 2000-2009 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Unjoni Ewropea (27 Stat) | : | : | : | : | : | 130.33 | 137.78 | 130.51 | 130.15 | 133.85 | |
| Unjoni Ewropea (25 Stat) | 111.88 | 113.26 | 119.07 | 115.47 | 122.54 | 138.60 | 146.46 | 138.67 | 138.15 | 142.04 | 26.96 |
| Unjoni Ewropea (15 Stat) | 131.98 | 133.16 | 140.85 | 135.44 | 143.96 | 162.63 | 171.74 | 161.20 | 160.85 | 165.85 | 25.66 |
| Malta | 19.69 | 14.40 | 26.31 | 31.36 | 33.50 | 18.69 | 21.94 | 31.98 | 32.01 | 23.14 | 17.50 |

Sors: Eurostat

## Tabella 7: Infieq fuq benefiċċji: inklużżjoni soċjali 2000 – 2009

*(Xjuħija; Euro għal kull persuna a bażi ta' prezzijiet fissi għas-sena 2000)*

| GEO/SENA | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 | % ta' Bidla 2000-2009 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Unjoni Ewropea (27 Stat) | : | : | : | : | : | 2099.45 | 2130.72 | 2101.77 | 2222.41 | 2326.15 | |
| Unjoni Ewropea (25 Stat) | 2023.68 | 2052.61 | 2085.82 | 2142.06 | 2184.24 | 2225.30 | 2255.84 | 2222.41 | 2345.12 | 2450.85 | 21.11 |
| Unjoni Ewropea (15 Stat) | 2343.47 | 2369.78 | 2403.60 | 2463.62 | 2508.00 | 2552.83 | 2581.36 | 2538.85 | 2682.29 | 2793.41 | 19.20 |
| Malta | 730.47 | 780.49 | 775.17 | 761.50 | 762.53 | 803.82 | 842.50 | 875.17 | 923.75 | 985.50 | 34.91 |

Sors: Eurostat

## 4.2 L-Użu ta' Fondi Strutturali tal-UE

Malta użat b'mod estensiv il-Fondi Strutturali biex tissaportja l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politika integrata ta' inkużżjoni attiva[14]. B'kollox, €855 milljun ta' fondi mill-UE ġew allokati għall-Politika ta' Adeżjoni f'Malta. Id-dettalji tal-allokazzjoni għas-snin 2007-2013 huma mogħtija fit-Tabella 8:

**Tabella 8: Fondi allokati lil Malta mill-UE 2007-2013**

| | |
|---|---|
| ERDF | € 444 miljuni |
| Fond to Koeżjoni | € 284 miljuni |
| ESF | € 112 miljuni |
| Programmi Ewropew għall-Ko-operazzjoni Territorjali (ERDF) | € 15 miljuni |

L-għanijiet u l-prijoritajiet tal-Politika ta' Adeżjoni f'Malta għas-snin 2007-2013 huma identifikati fil-Qafas Stretiġiku Nazzjonali ta' Malta (Malta's National Strategic Reference Framework (NSRF)[15], li ġew approvati mill-Kummissjoni Ewropea f'Diċembru 2006. Malta kienet l-ewwel stat membru li rċieva l-approvazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea għall-NSRF tagħha. L-istrateġija proposta fl-NSRF ta' Malta hija l-bażi ta' żewg programmi li jservu ta' qafas li fih il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni li ser jintefqu f'Malta bejn is-snin 2007 - 2013. Dawn huma:

- Programm Operativ I (OPI) – Investiment fil-kompetitività għal Ħajja Aħjar. Dan il-Programm jiffoka fuq il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni.
- Programm Operativ II (OPII) – Tisħiħ taċ-Ċittadini għal Impjiegi aħjar u għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar. Dan il-programm jiffoka fuq il-Fond Soċjali Ewropew.

Kif jidher mill-Figura 2 t'hawn taħt, il-politka għall-Inklużżjoni Soċjali hija fil-qalba ta' l-NSRF Malti, u hija msemmija ta' spiss bħala orjentazzjoni integrattiv biex jintużaw il-fondi tal-UE. Fil-fatt, hija mogħtija prominenza fl-Objettiv Stratġiku 3, li taqsam ma' l-Edukazzjoni u x-Xogħol' u ma' 'il-Bini tal-Istituzzjonijiet', it-tnejn essennzjali għall-implimentazzjoni ta' politika kompensiva ta' inklużżjoni soċjali. Għalhekk tidher f'ħafna sezzjonijiet tal-NSRF, minbarra li tiġi diskussa waħeda, fejn l-emfasi fuq ir-rabta bejn l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-opportunitajiet ta' xogħol, u l-ħtieġa li jiġi evitat il-periklu tar-riskju tal-faqar jiġu diskussi.[16]

Il-politika ta' l-Inklużżjoni Soċjali hi sostnuta prinċipalment permezz ta' l-OPII, li nagħtat il-ħajja f'ħafna proġetti biex isir tiġdid fl-edukazzjoni, u speċjalment permezz tal-Korporazzjoni Maltija għax-Xogħol u t-Taħriġ (ETC) biex jiġu nkoraġġuti kemm individwi kif ukoll min iħaddem biex jagħmlu l-aħjar użu tar-riżorsi umani li jeżistu, speċjalment fejn jidħlu n-nisa, permezz ta' diversi skemi ta' sapport. Effettivament Malta fittxet li tottimizza l-flus tal-EU li kellha għad-dispozizzjoni tagħha u rnexxilha tkun waħda mill-iktar li użaw il-fondi li kellha għad-dispozzjoni tagħha.[17]

*14 Għall-perijodu 2007-203 hemm żewg Fondi Strutturali, jiġifieri: il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Regjonali (ERDF) u l-Fond Soċjali Ewropew (ESF). Dawn il-fondi huma kkumplimentati bi-Fond ta' Koeżjoni. II-Fondi Strutturali u l-Fondi ta' Koeżjoni huma l-istrumenti finanzjarji ewlenin tal-Politika ta' Koeżjoni.*
*15 Id-dokument sħiħ jinstab fuq is-sit http://www.ppcd.gov.mt/07_13?l=1.*
*16 NSRF p. 88 et seq.*
*17 Lista sħiħa tal-proġetti approvati, kemm għall-Programm Operattiv, kif ukoll għall-Programm Operattiv II jinstabu fuq is-sit http://www.ppcd.gov.mt/projects_07_13.*

**Figura 2: Inklużżjoni Soċjali kif integrata f' l-Erba' Objettivi Strateġiċi tal-NSRF ta' Malta**

**NSRF: OBJETTIVI STRATEĠIĊI 2007 - 2013**

| **Objettiv Strateġiku 1** | **Objettiv Strateġiku 2** | **Objettiv Strateġiku 3** | **Objettiv Strateġiku 4** |
|---|---|---|---|
| **Sosteniment ta' ekonomija kompettiva, bbażata fuq it-tagħrif** | **Titjib tal-kwalità tal-ħajja** | **Investiment fil-kapital uman** | **Għarfien tal-fatt li Għawdex hu reġjun għalih** |
| Sapport lill-intrapriżi | Titjib u espansjoni tal-infrastruttura tat-trasport | Edukazzjoni u Xogħol | Promozzjoni tal-Intrapriżi |
| Tkabbir ta' investimenti f'RDTI | Prevenzjoni ta' riskji ambjentali | Inklużżjoni Soċjali | Aċċessibilità u titjib fit-trasport bejn il-gżejjer |
| Tisħiħ tal-industrija tat-Turiżmu u promozzjoni tal-Kultura | Enerġija | Bini tal-Istituzzjonijiet | Żvilupp tal-kapital uman u kapaċitajiet |
| | Riġenerazzjoni Urbana | | |
| | E-Society | | |
| | Saħħa | | |

| **Programm Operattiv 1 (Fond ta' Koeżjoni, ERDF)** | **Programm Operattiv 2 (ESF)** |
|---|---|
| **Investiment fil-kompetitività u kwalità ta' ħajja aħjar** | **Xprunament liċ-ċittadini għal iktar postijiet ta' xogħol u kwalità ta' ħajja aħjar** |
| **Objettiv 1** Sosteniment ta' ekonomija kompettiva, bbażata fuq it-tagħrif | **Objettiv 1** Investiment fil-kapital uman |
| **Objettiv 2** Titjib fl-attrazzjoni ta' Malta u l-kwalità ta' ħajja | **Objettiv 2** Sapport lil strutturi tad-dinja tax-xogħol |

*Sors: Malta NSRF 2007-203, p.98.*

## 4.3 Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni kontinwa tal-proġetti mmexxija bl-għajnuna tal-fondi mill-UE isir kontinwament mid-Dipartiment għall-Ippjanar u l-Koordinazzjoni tal-Priojoritajiet (PPCD), li jifforma parti mill-uffiċċju tal-Prim Minstru. L-istat ta' kull porġett individwali imbagħad jiġi segwit mid-Direttorat tal-Implimentazzjoni (Affarijiet Soċjali) fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja, Djalogu u l-Familja, li jaħdem fil-qrib ma' ministeri oħra, bħalma huma l-Edukazzjoni, fuq dawk il-proġetti li r-responsabilità tagħhom taqa' taħthom. Fil-fatt, rapporti fuq l-istat tal-proġetti ġew magħmula fl-aħħar ta' l-2011.

Fid-dokument għall-konsultazzjoni fuq l-NRP għas-sena 2012,[18] li kien ippublikat f'Marzu 2012, rapport fuq il-progress ta' miżuri li kienu parti mill-NRP ta' l-2011 ġew ukoll mogħtija.

Però, dak li jeġtieġ li wieħed jenfasizza hu li l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni f'Malta ma għandhiex l-għodda biex issir b'mod xjentifiku li jista' jeżamina b'mod sħiħ, b'analiżi ta' kemm qed jintefqu tajjeb il-flus, u l-introduzzjoni ta' element ta' sperimentazzjoni xjentifika. Rapporti fuq kif inhuma l-affarijiet (Status Reports) huma mportanti bħalma hu l-awditjar dettaljat tal-infiq, imma hemm ħafna aktar x'irid isir. In-nuqqas ta' nies u riżorsi ma jħallix li dan isir bħalissa, u t-trasferiment tat-teknoloġija u l-ħolqien ta' inizzjattivi ta' riċerka li għandhom biżżejjed riżorsi biex jaħdmu sew huma neċessarji biex jitwettqu inizzjattivi ta' riċerka b'mod regolari.

*18 Ministry of Finance, the Economy and Investment. March 2012. Malta's National Reform Programme Under the Europe 2020 Strategy - Public Consultation Document. Ara is-sit http://finance.gov.mt/image.aspx?site=MFIN&ref=NRP%20Consultation%202012. Aċċessat fl-20 ta' Ġunju 2012.*

# 5. Il-futur: rakkomandazzjonijiet

## 5.1 Rakkomandazzjonijiet ġenerali

Qabel kollox, biex l-isforsi li qed isiru issa u dawk li ser isiru fil-futur ikollhom effett dejjiemi, kull azzjoni u inizjattiva teħtieġ li tkun akkumpanjata mir-riċerka f'kull stadju tagħha, minn meta jkun qed jiġi żviluppat il-kunċett (li hu nnifsu għandu jibda' minn riċerka fuq il-ħtiġijiet), tul l-implimentazzjoni u, wara l-implimentazzjoni permezz ta' riċerka biex jiġi evalwat kemm il-proġett hu effettiv. Mingħajr riċerka,id-deċiżżjonijiet jibqgħu jittieħdu a bażi, fl-aħjar xenarju, fuq informazzjoni kwalitattiva u, fl-agħar xenarju, bħala riżultat ta' idejat sporadiċi li jkollhom il-politiċi u dawk li jiffurmaw il-politika soċjali. Riċerka li hi bbażata fuq fondi li jwasslu tista' tkun ta' żewg tipi: jew permezz ta' riċerka magħmula mill-gvern stess b'riżorsi tiegħu stess, jew permezz ta' riċerka kkummisjonata lil akkademiċi u riċerkaturi oħra li ma humiex parti mill-gvern. Komponent ta' riċerka għandu jkun komponent essenzjali ta' kull proġett.

Wieħed irid jenfesizza li kull azzjoni proattiva trid tkun mifrux mhux biss fuq il-faqar kif jeżisti imma wkoll għaliex jeżisti u x'qed iwassal għalih. B'mod speċjali, jekk komponiment ta' 'action-research' ikun mibni bħala parti esenzjali minn kull proġett, il-proġett innifsu jkun jista' jiġi rranġat fil-ħin biex l-għanijiet tiegħu jintlaħqu qabel ma jkun tard, u b'hekk dawk li suppost jibbenefikaw minnu, jibbenefikaw tabilħaqq. Analiżi bbażata fuq il-fatti hija ħafna aktar effiċċjenti biex tiġi mplimentata l-istrateġija u biex tiġi assigurata l-kwalità u l-effiċċjenza fis-sistemi li jwasslu s-servizzi.

It-tieni prijoirtà tirrigwarda t-tixrid tal-informazzjoni. Malta hija mbierka għal fatt li mhix vasta, u għalhekk il-kommunikazzjoni li tilħaq lil kullħadd mhux diffiċli, saħansitra anki il-kliem bil-fomm jista' jintuża biex titwassal l-informazzjoni. Għax minnkejja l-penetrazzjoni tajba tal-internet, ħafna drabi il-persuni li l-aktar għandhom bżonn l-informazzjoni ma jkunux jafu fejn iħabbtu u fejn jistaqsu. Ċentri bħal AĊĊESS,[19] li jiddependu fuq il-fatt li wieħed irid imur hu biex jieħu servizz, ħafna drabi ma jiswew xejn f'ċirkusanzi bħal dawn. Inizjattivi li huma ddisinjati li jfittxu n-nies huma ħafna aktar effettivi. Aktar servizzi ta' nformazzjoni fil-kommunità, mmexxija minn persuni ttrenjati tajjeb, u li lesti li jfittxu min għandu bżonn is-servizz huma stess, huma meħtieġa għal dan il-għan. Saħansitra social workers irtirati, li għandhom l-esperjenza u l-kapaċitajiet meħtieġa, jistgħu jiġu mħajra biex joffru dan it-tip ta' servizz essenjali, u biex jiggwidaw oħrajn iżgħar kif jevitaw burokrazija żejda. Mingħajr dan it-tip ta' xogħol, saħansitra pjanijiet kbar indirizzati lejn gruppi speċifiċi, jista' ma jilqħux l-għanijiet tagħhom jekk min suppost jibbenfika minnhom l-anqas biss jaf bihom. Dan it-tip ta' mudell jista' jikkontribwixxi biex iwettaq u jsaħħaħ stretaġija ta'inklużżjoni soċjali ħafna iktar minn mudell ta' 'kappell wieħed tajjeb għal kullħadd', bħalma sfortunatament ġara meta l-proġett AĊĊESS kien ġie mniedi l-ewwel darba.

## 5.2 Rakkomandazzjonijiet speċifiċi

*a) Sapport għal dħul adegwat*

- Issir reviżżjoni tal-paga minima
- Il-pensjoni ta' min jirtira ma tkun marbuta ma' meta wieħed jirtira imma mal-pensjoni ta' min jirtira, jiġifieri tibqa' togħla skond il-paga li jkollhom persuni li jiritiraw mill-istess tip ta'mpjieg.
- Titneħħa l-età obligatorja ta' meta persuna għandha tirtira mix-xogħol. L-irtirar mix-xogħol ma għandux ikun obbligatorju meta persuna tilħaq età speċifika imma kull

*19 Saret 'Peer Review' ta' l-AĊĊESS fl-2007. Dettalji fuq il-proġett jinstabu fuq is-sit: http://www.peer-review-social-inclusion.eu/peer-reviews/2007/access-cottonera-community-resource-centre/. Aċċessat fl-20 ta' Ġunju 2012.*

persuna tkun tista' tibqa' taħdem jekk tkun trid u għadha kapaċi. L-irtirar obligatorju għandu jitqies bħala diskriminatorju.

*b) Swieq ta' xogħol inklużżivi*

- Jiġi żgurat li l-immigranti jirċievu taħriġ u orjentazzjoni fil-kultura tal-pajjiż li waslu fih, biex tiġi evitata l-esplojtazzjoni;
- Is-settur privat jiġi pprovdut b'riżorsi biex ikun jista' jipprovdi servizzi aħjar li jħarsu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja.

*c) Aċċess għal servizzi ta' kwalità*

- Jiġu organizzati inizjattivi ta' 'outreach' għal min qed jispiċċa l-iskola biex iħajruhom itejbu il-ħiliet u l-kwalifiki tagħhom
- Jiġi eżaminat jekk l-iskola tan-Naxxar 'tat-tieni ċans' tilfitx il-vokazzjoni tagħha u saret skola post-sekondarja normali, u jekk iva, isir sforz biex ikun fejn hemm bżonn individwi ikollhom il-possibilità reali tat-tieni ċans permezz ta' faċilitajiet apposta;
- Jiġu pprovduti opportunitajiet għal taħriġ ta' individwi li jkunu jridu iteju l-ħiliet tagħhom permezz 'open degrees', li jsiru kemm bi nhar kif ukoll fil-għaxija għal persuni li għandhom ħin liberu biex jattendu u li forsti jistgħu jagħmlu dan biss fil-għaxija;
- Jiġi mwaqqaf Ċentru għall-Arti u Artiġjanat, immexxi b'nies full-time u mhux permezz ta' grupp part-timers, bħalma qed jiġri bħalissa, li bil-fors ikollhom jirreġistraw għax-xogħol fil-gimgħat meta ma jkunx hemm skola.

## 5.3 Inizzjattivi fuq il-livel tal-UE

- Jiġu mdaħħlin iktar skemi biex jiġu mxerrda teknoloġiji ġodda għall-persuni nvoluti fir-riċerka biex dawn isiru magħrufa mill-gvernijiet tal-istati kollha biex jiġu żviluppati indikaturi u modi ta' ricerka marbutin tassew mal-ħtiġijiet tagħhom.
- Jiġu pprovdu fondi biex issir aktar ko-operzzjoni bejn l-universitajiet fuq temi marbuta mil-inkużżjoni soċjali, speċjalment tat-tip 'action research'.

# Appendiċi A: Tabelli Sommarji

A bażi tal-analisi tiegħek, imla dawn i-tabelli sommarji. Poġġ X fil-kazzi li jgħoddu.

**Tabella 1**

**Sakemm ġiet żviluppata strateġija għall-inklużżjoni integrata u attiva fl-Istat Membru tiegħek?**

| | **Disinn ta' policy komprensiva** | | | **Implimentazzjoni komprensiva** | | | **Ko-ordinament ta' policy vertikali** | | | **Parteċipazzjoni attiva ta' l-atturi konċernati** | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Yes | Somewhat | No | Yes | Somewhat | No | Yes | Somewhat | No | Yes | Somewhat | No |
| **Għal min jista' jaħdem** | **X** | | | **X** | | | | **X** | | | **X** | |
| **Għal min ma jistax jaħdem** | | **X** | | **X** | | | | **X** | | | **X** | |

**Tabella 2**

**Kemm il-policies/miżuri favur l-inklużżjoni attiva ġew imsaħħa, baqgħu l-istess, jew idgħajjfu sa mill-2008 fl-Istat Membru tiegħek?**

| | **Sapport għal dħul adegwat** | | | **I<br>Swieq ta' xogħol inklużżiv** | | | **Aċċess għal servizzi ta' kwalita'** | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Issaħħu | Baqgħu l-istess | Iddgħajjfu | Issaħħu | Baqgħu l-istess | Iddgħajjfu | Issaħħu | Baqgħu l-istess | Iddgħajjfu |
| **Għal min jista' jaħdem** | | **X** | | **X** | | | **X** | | |
| **Għal min ma jistax jaħdem** | | **X** | | **X** | | | **X** | | |